# 92. Qed Naħseb Fik

Tiftakar, ħanina, li kien filgħaxija
meta aħna ġġerrejna fuq riħ il-Buskett,
waqafna ġo xagħra, u hemm sibna li dħalna
fis-saltna sabiħa ta' art il-farfett.

U qgħadna bilqiegħda fuq blata u tgħaxxaqna
fil-għera tax-xagħra, fil-ħemda tat-triq,
u rajna madwarna miżegħda ta' fjuri,
il-fjuri lewn vjola ċkejknin tal-busieq.

Ix-xemx niżlet 'l isfel u tefgħet ir-raġġi
tawwala dritt lejna fl-imħabba mgħannqin,
u xegħlet ix-xagħra bħat-Triq ta' Sant' Anna
bi kwiekeb lewn vjola, bil-fewġa mħarrkin.

Illum ġo kamarti, mifluġ ġewwa soddti
hawn kwadru quddiemi jneħħili kull diq:
ta' tnejn qed jinħabbu bil-qegħda fuq blata
imdawra bil-fjuri ċkejknin tal-busieq;

Farfett qiegħed jilma fix-xemx ta' fl-għaxija,
jittajjar fis-saltna ta' artu ferrieħ;
u jien qed nitgħaxxaq bil-ġmiel tal-imħabba,
u qiegħed nadura dal-kwadru sabiħ.